MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 708/2015/1

**L-Avukat Dottor Damien Fiott (ID 79775(M) ) bħala mandatarju speċjali ta' Mindaugas Marcinkevicius**

**VS**

**Relvit Limited (C48062); u Karl Diacono (ID 504362) u Claire Scicluna (ID146984M) dawn ta' l-aħħar (Karl Diacono u Claire Scicluna) bħala diretturi ta' l-istess Relvit Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Dottor Damien Fiott noe tat-30 t'April 2015 li jaqra hekk:

*"Illi 1-esponenti għandu interess li jitħarsu 1-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi 1-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm 1-intimat milli*

*Jipproċedu bil-laqgħa straordinarja ġenerali ta' l-azzjonisti aġġornata għal nhar il-5 ta' Mejju 2015 u/jew jipproċedu biex jittieħed vot dwar ir-risoluzzjoni numru 4 fin-notifika għas-sejħa tal-istess laqgħa (Dokument* ***"A")*** *u bit-test propost mill-intimati diretturi (Dokument* ***"B"),*** *sakemm ir-rikorrenti jingħata l -informazzjoni kollha neċessarja biex bħala azzjonista*

*tal-kumpannija intimata jkun jista' b'mod sensat u infurmat jezercita d-dritt tiegħu li jivvota fuq l-istess risoluzzjoni.*

***Fiċ-ċirkostanzi li l-laqgħa ser issir nhar il-5 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent uilment jitlob li din it-talba tintlaqa provisorjament.***

*Ir-raġunijiet li jsostnu din it-talba huma s-segwenti:*

***Il-Fatti***

1. *Illi r-rikorrent huwa azzjonista tas-soċjeta Relvit Limited (C48062) ("il-***Kumpannija***") b' 120,000 sehem minn total ta' 1,502,000 sehem fil-kapital azzjonarju tal-istess soċjeta, u allura azzjonista ta' 7.99% tal-kapital azzjonarju tal-istess soċjeta (Estratt tar-reġistru tal-azzjonisti mir-reġistru tal-kumpannija anness bħala "Dokument* ***C****")*

2. *Illi b'notifika data 8 t'April 2015 il-Kumpannija sejjħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-azzjonisti tagħha (Kopja tal-istess hija annessa u markata Dokument "A") li kella ssir fil-25 t'April 2015 fil-Lukanda Grand Hotel Excelsior bl-aġenda msemmija fl-istess notifika;*

3. *Illi fost affarijiet oħra din il-laqgħa ġiet imsejħa biex l-azzjonisti japprovaw it-transazzjoni kontemplata mill-Kumpannija konsistenti fil-bejgħ tas-sussidjarji kollha tal-istess Kumpannija – kif spjegat anki fid-dokument li kien anness man-notifika tal-laqgħa intitolat* **Extraordinary Resolution Text and Principle Purpose.**

4. *Illi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 16 tal-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpannija, it-transazzjoni kontemplata mill-Kumpannija tirrikjedi l-approvazzjoni tal-azzjonisti b'maġġoranza ta' 2/3 tal-kapital azzjonarju tal-Kumpannija.*

5. *Illi l-laqgħa straordinarja mgħajta mid-diretturi għall-25 t'April kellha proprju l-iskop illi l-azzjonisti japprovaw tali transazzjoni proposta;*

6. *Illi r-rikorrent iħossu aggravat li ma ġietx mgħoddija l-informazzjoni kollha neċċessarja biex huwa jkun jista' jezerċita d-dritt tiegħu tal-vot fil-laqgħa ġenerali straordinarja b'mod infurmat, tant illi lanqas il-prezz li biħ qiegħed jiġi propost li jinbiegħu is-sussidjarji ma' ġie divulgat lill-azzjonisti;*

7. *Illi din in-nuqqas ta' informazzjoni tledilu d-dritt tiegħu tal-vot fil-laqgħa generali straordinarja stante illi mhux f'posizzjoni jagħmel l-evalwazzjoni u/jew analizi xierqa tat-transazzjoni biex ikun jista' jivvota dwar ir-risoluzzjoni, fl-aġġornament tal-istess laqgħa prevista għal-5 ta' Mejju 2015.*

***B. Id-Dritt prima facie***

1. *Kull azzjonista f'kumpannija għandu d-dritt, naxxenti mill-fatt biss li huwa azzjonista, li jivvota f'laqgħat kemm annwali kif ukoll straordinarji tal-azzjonisti ta' kumpannija.*[1]

2. *Id-dritt tal-vot ezerċitabbli f'tali laqgħat huwa propju l-esspressjoni tas-"sovranita'" tal-azzjonista bħala membru tal-kumpannija u huwa fondamentali li għandu jiġi rispettat f'kull forma mid-diretturi tal-kumpannija li fl-aħħar mill-aħħar huma l-aġenti tal-azzjonisti;*

3. *Fil-kaz prezenti, l-att kostituttiv tal-kumpannija li jikkostitwixxi l-kuntratt bejn l-azzjonisti u allura jiddetermina il-mod ta' kif l-istess azzjonisti għandhom jikkonduċu ruħhom, mhux biss jirriserva għall-azzjonisti id-dritt li jivvutaw fuq materji riservati għalihom skond il-liġi, izda mar oltre u jitlob, anzi jesiġi, illi ċerti deċizjonijiet għandhom jiġu approvati mill-azzjonisti anki b'maġġoranza kwalifikata ta' 2/3 tal-voti, u mhux biss b'maġġoranza sempliċi. Dan jixhed l-importanza u s-sinifikat illi l-istess azzjonisti jattribwixxu għal dawn id-deċizjonijiet li mhux biss għandhom jiġu assoġġettati għall-approvazzjoni tal-membri izda wkoll li almenu 2/3 tal-membri jridu jaqblu fuqhom.*

4. *L-artikolu 16 tal-memorandum and articles of association tal-Kumpannija jesiġi illi:*

---

[1] *Għall-Korrettezza jingħad illi hemm eċċezzjonijiet għal din ir-regola f'kaz fejn l-azzjonista huwa detentur ta' non-voting shares li pero mhux il-kaz odjern.*

2. *An extraordinary resolution shall be required for the following:*

   *i. ……omissis .....*

   *ii. ...... omissis ……*

   *iii. approval of the transfer under whatever legal title, of any shares held by the Company in subsidiaries as well as in other companies, except where any such disposal occurs by way of share-for-share exchange, merger, division or similar process or reorganization of such subsidiaries or other companies.*

5. *Huwa ċar, anki mid-diċitura tar-risoluzzjoni proposta lill-laqgħa ġenerali straordinarja, illi t-transazzjoni proposta u li għaliha kienet qedgħa tintalab l-approvazzjoni tal-azzjonisti tinkwadra ruħha propju f'dan l-artikolu – u ċioe il-bejgħ tal-azzjonijiet kollha li għandha l-Kumpannija fis-sussidjarji indikati.*

6. *Għandu jkun paċifiku li biex azzjonista jkun jista jikkunsidra proposta mid-diretturi, partikolarment fuq materja meqjusa tant sinifikanti mill-istess att kostitutiv tal-Kumpannija, u allura biex ikun f'posizzjoni li jiddeċiedi jekk jivvutax favur jew kontra dik il-proposta, l-azzjonista għandu bzonn jingħata dik l-informazzjoni kollha neċċessarja biex ikun jista, b'mod infurmat u sensat, jivvaluta u janalizza l-proposta b'mod sħiħ u d-diretturi għandhom l-obbligu li jipprovdu tali informazzjoni lill-azzjonisti. Fin-nuqqas, l-azzjonista jkun qiegħed jiġi mċaħħad mid-dritt fondamentali tiegħu li jivvota fuq proposta daqshekk sinifikanti.*

7. *Min analizi anki prima facie tal-informazzjoni li d-diretturi pprovdew lill-azzjonisti jirrizulta s-segwenti:*

   a. *saret valutazzjoni tal-ishma tas-sussidjarji f'Novembru 2014, pero fl-ebda mument ma ġiet divulgata lill-azzjonisti;*
   b. *qiegħda ssir valutazzjoni oħra biex jiġi stabbilit il-valur tal-istess ishma f'Marzu 2015. Mhux magħruf jekk dan ir-rapport u l-valutazzjoni humiex konkluzi jew le, pero fl-ebda mument l-azzjonisti ma ġew mgħarrfa b'din il-valutazzjoni;*

c. *Il-Prezz – Għadu ma ġiex stabbilit il-prezz illi biħ għandhom jinbiegħu l-ishma tas-sussidjarji – ħlief illi ġie stabbilit il-minimu – bazat fuq il-valutazzjoni li kienet saret f'Novembru 2014;*
d. *Kundizzjonijiet: Jirrizulta min-nota mibgħuta mid-diretturi lill-azzjonisti wara l-21 t'April 2015 – illi d-dokumentazzjoni tat-transazzjoni tistabilixxi numru ta' kundizzjonijiet – pero imkien fl-istess nota qatt ma ġie spjegat lill-azzjonisti x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet.*

8. *Din hija nformazzjoni kruċjali biex azzjonista jkun jista jivvaluta il-proposta. Biss bħala ezempju u biex wieħed jifhem in-nuqqas t'informazzjoni kemm tirrigwarda nformazzjoni basika - imkien ma tingħata nformazzjoni dwar jekk il-prezz li għadu s'issa mhux magħruf, jekk hux ser jitħallas f'daqqa jew jekk hux ser isiru pagamenti rateali; jekk ikun il-kaz tal-aħħar jekk kemm il-darba hux ser ikun hem xi tip ta' garanzija li tagħmel tajjeb, u f'dak il-kaz jekk il-garanzija hix waħda idoneja. Dawn huma kollha kunsiderazzjonijiet li azzjonista diliġenti ser jistaqsi qabel ma jiddeċiedi dwar il-futur tal-Kumpannija – pero xejn min dan ma jirrizulta li ingħata lill-azzjonisti.*

9. *Pero xorta waħda d-diretturi dehrilhom illi għandhom iressqu din it-transazzjoni għall-approvazzjoni tal-azzjonisti. Huwa umilment sottomess illi dak li jitlob l-artiklu 16 tal-memorandum and articles of association huwa propju l-"**<u>approvazzjoni</u>**" tat-transazzjoni dwar it-trasferiment tal-ishma tas-sussidijarji – dan neċessarjament jippremetti allura li d-diretturi għandhom, wara li jkunu ffinilazzaw kull aspett tat-transazzjoni (jekk fil-fatt kienu huma li ttrattaw din it-transazzjoni) – jissottomettu l-istess transazzjoni dokumentata lill-azzjonisti, biex dawn tal-aħħar verament ikun jistgħu, b'mod liberu u armati bl-informazzjoni kollha, ezerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw favur jew kontra r-risoluzzjoni proposta.*

10. *Dak illi qedgħin jippruvaw jgħamlu d-diretturi fil-kaz prezenti huwa xi ħaġa differenti minn dak kontemplat fl-att kostituttiv tal-Kumpannija, bi ksur lampanti tad-drittijiet tal-azzjonisti – u cioe li jitolbu lil-azzjonisti delega biex ikunu jistgħu ikomplu jinnegozjaw mal-kontro-parti, fost affarijiet oħra il-prezz tal-bejgħ u biex mingħalihom jottjenu bil-quddiem l-approvazzjoni tal-azzjonisti ai fini tal-artiklu 16 tal-memorandum and articles of association.*

11. *Illi huwa ċar li t-transazzjoni kontemplata fir-risoluzzjoni, fir-realta qeda tiġi promossa min ħadd aktar ħlief mill-kumpannija Lemax Limited, u cioe mill-azzjonista maġġoritarju, li għandha l-fuq min 66% tal-ishma tal-Kumpanija. B'hekk l-istess Lemax Limited għax tikkontrolla 66% tal-voti f'laqgħa ġenerali tal-Kumpannija mingħaliha li tista, mingħajr ma tingħata l-informazzjoni kollha lill-azzjonisti, informazzjoni li hija disponibbli lilha, xorta waħda tapprova, anki waħedha, r-risoluzzjoni għat-trasferiment tal-ishma fis-sussidijarji, filwaqt illi ċċaħħad lill-azzjonisti l-oħra kollha, fosthom ir-rikorrenti, milli jkollhom l-istess livell t'informazzjoni biex ikunu jistgħu jezerċitaw id-dritt tagħhom li jivvuttaw, b'mod utili fuq il-proposta.*

12. *Huwa ċar anki mad-daqqa t'għajn li dan huwa aġir oppressiv u preġudizjevoli fil-konfront tar-rikorrenti li għandu dritt li jkun munit bl-istess informazzjoni li għandu l-azzjonista maġġoritarju dwar it-transazzjoni proposta, biex b'hekk ikun jista b'mod utili u effettiv jagħmel il-valutazzjoni tiegħu tal-istess proposta, u jivvota dwarha.*

13. *Dan huwa mezz manipulattiv ta' kif l-azzjonista maġġoritarju għal raġunijiet tiegħu, qiegħed iċċaħħad b'mod lampanti, lill-azzjonisti l-oħra, zgur li hekk qiegħed jagħmel mar-rikkorenti, min informazzjoni neċessarja biex ikun jista b'mod razzjonali jezerċita dak illi huwa l-aktar dritt fondamentali tiegħu bħala azzjoista fil-Kumpannija – u cioe li jivvota fuq proposta ta' trasferiment tas-sussidjarji kollha.*

**C. *Il-Preġudizzju u l-ħtieġa tal-mandat***

1. *Il-preġudizzju huwa ċar u manifest – f'kaz illi l-azzjonisti ma jingħatawx l-informazzjoni neċessarja biex ikunu jistgħu jevalwaw u janalizzaw dak li qiegħed jiġi propost mid-diretturi – ikunu qedgħin jiġu zvestiti mid-dritt tal-vot lilhom mogħti f'dawn iċ-ċirkostanzi mill-istess att kostituttiv tal-Kumpannija u allura jitpoġġew f'posizzjoni:*
    a. *ta' zvantaġġ ċar fil-konfront tal-azzjonista maġġoritarju li bħala l-promotur tat-transazzjoni għandu l-informazzjoni kollha;*

b. *li, jew ma jezerċitawx tali dritt propju għaliex ma jridux jivvuttaw mingħajr m'għandhom l-informazzjoni rilevanti; jew ikollhom jivvuttaw fl-għama – b'mod allura illi dak previst mill-*articles of association *li l-azzjonisti għandhom japprovaw it-transazzjoni jkun ġie għal kollox stultifikat.*

2. *F'dan il-*kuntest *jekk din il-laqgħa tipproċedi bir-risoluzzjoni mingħajr ma tingħata l-informazzjoni neċessarja lill-*azzjonisti *u l-azzjonisti japprovaw ir-risoluzzjoni, fuq l-iskorta tal-voti tal-azzjonista maġġoritarju - id-dritt tar-rikorrenti li jsemma l-posizzjoni tiegħu fil-laqgħa tramite l-vot tiegħu ikun ġie darba għal dejjem mitluf.*

3. *Ir-rikorrent jikkonċedi b'mod miftugħ u mingħajr tlaqliq, illi huwa azzjonista minoritarju u li talvolta tingħata l-informazzjoni neċessarja biex ikun jista jevalwa l-proposta u allura jezerċita* d-dritt tal-*vot tiegħu kif jirrizulta mill-liġi u mill-memorandum and articles of association – jekk l-azzjonista maġġoritarju jrid illi jivvota favur ir-*risoluzzjoni *allura dik ir-rizoluzzjoni xorta waħda tiġi approvata. Dan mhux kontestat, pero dan ukoll:*

a. *jipprevedi illi l-azzjonisti kollha huma trattati bl-istess mod u għandhom l-istess informazzjoni fuq xiex jibbazaw id-deċizjoni tagħhom; u*

b. *ma jfissirx illi jista jiġi zvestit mid-drittijiet tiegħu illi jingħata l-istess informazzjoni bħal kull azzjonista ieħor, anki jekk dak maġġoritarju, u kemm dak illi jivvota, ovvjament b'mod utili, u allura wara li jkollu l-*informazzjoni *neċessarja biex ikun verament jista jezerċita tali dritt.*

***D.* Konkluzjoni**

1. *Il-liġi hi ċara u titlob* - anzi timponi - *li mandat ta' inibizzjoni "m'għandux"*[2] *jinħareġ jekk ir-rikorrent ma jkunx issodisfa li:*

(i) *jkun jidher prima facie li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha l-intimat jista' jikkrejalu ħsara; u*

[2] *Art. 873(2) tal-Kap. 12*

*(ii) l-mandat hu neċessarju biex jiġi kkonservat id-dritt tar-rikorrent.*[3]

2. *Ir-rikorrent jisottometti illi fl-isfond tas-suespost jikkonkorru z-zewġ elementi rikjesti mill-liġi biex tintlaqa t-talba tiegħu għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni biex izomm lill-intimati milli (i) jipproċedu bil-laqgħa straordinarja ġenerali ta' l-azzjonisti aġġornata għal nhar il-5 ta' Mejju 2015; u/jew (ii) jipproċedu biex jittieħed vot dwar ir-risoluzzjoni numru 4 fin-notifika għas-sejħa tal-istess laqgħa (Dokument **"A")** u bit-test propost mill-intimati diretturi (Dokument **"B"),** sakemm ir-rikorrenti jingħata l -informazzjoni kollha neċessarja biex bħala azzjonista tal-kumpannija intimata jkun jista' b'mod utili u infurmat jezerċita d-dritt tiegħu li jivvota fuq l-istess risoluzzjoni.*

***In oltre,fiċ-ċirkostanzi li l-laqgħa ser issir nhar il-5 ta' Mejju 2015, ir-rikorrent uilment jitlob li din il-Qorti joġgħobha tilqa it-talba provisorjament."***

Rat id-digriet tat-30 t'April 2015 illi bih il-Qorti kif diversament preseduta fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-13 ta' Mejju 2015 fis-1:00pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimati Relvit Limited, Karl Diacono u Claire Scicluna tas-7 ta' Mejju 2015 (a fol. 39 et seq )li taqra hekk:

**1.** *"Illi preliminarjament il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kien inutili u intempestiv ghaliex huwa msejjes fuq premessa illi ma nghatatx certu informazzjoni lir-rikorrent meta fil-fatt kien hemm decizjoni illi tinghata l-istess informazzjoni f'terminu li kien ghadu ma skadiex meta gie intavolat dan l-inibizzjoni;*

[3] *Melita Cable plc v. Maltacom plc (Rik Nru 4294/99, deciz finalment fil-11 ta' Otturbru 1999) per Imhallef Raymond Pace; Angelo Xuereb et noe v. Marin Hili et noe (Rik. Nru. 3135/94), p. 5 per Imhallef Noel Arrigo; ara fl-istess sens Avukat Dottor Victor Borg Grech v. Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) per Imhallef A Manche u Victor Mizzi v. Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) per Imhallef JD Camilleri.*

**2.** *Illi preliminarjament ukoll il-mertu ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni huwa ezawrit u dan il-mandat ma ghandu ebda utilita' ghaliex fil-mori tal-hrug ta' dan il-mandat l-informazzjoni mehtiega mir-rikorrent inghatat kif rikjest fl-istess mandat u ghalhekk dan il-mandat ghandu jigi revokat ghaliex ma ghadux aktar utili;*

**3.** *Illi minn sfond legali l-elementi mehtiga mil-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni a tenur ta' l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistux f'dan il-kaz. Skond l-ligijiet u l-gurisprudenza nostrana rigward mandati ta' inibizzjoni a tenur ta' l-artikolu 873 min jitlob il-hrug ta' tali mandat irid jissodisfa <u>tlett</u> kriterji, li huma <u>kumulattivi u mhux alternattivi</u>, u jekk wiehed minn dawn l-elementi huwa nieqes il-Qorti <u>ghandha</u> tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat u dan skond Artikolu 873(1) tal-Kap-12. Illi dawn il-kriterji huma s-segwenti :*

1. *Ir-rikorrenti ghandu juri, prima facie, li ghandu <u>jedd</u> x'jikkawtela;*
2. *Ir-rikorrenti ghandu juri li l-mandat huwa <u>necessarju</u> u cioe' mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikkorenti; u*
3. *Ir-rikorrent ghandu juri li, minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li qieghed javvanta mhux biss huwa necessarju izda sahansitra jista' jintilef darba ghal dejjem u ghaldaqstant li minghjar il-mandat ser isofri <u>pregudizzju **irrimedjabbli**</u>.*

**4.** *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi spjegat, fil-waqt illi l-intimati jirrispingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ser jispjegaw illi din il-procedura ma hija xejn hlief tentattiv jew manuvra min-naha ta' azzjonista minoritarju li ghal-skopijiet personali qed jipprova jfixkel u jwaqqaf lill-azzjonisti magoritarji milli jezercitaw id-drittijiet legali illi ttihom il-ligi fir-rigward tal-kumpannijia li fiha ghandhom interess magoritarju u dan ghad-dannu ta' l-istess kumpannija u ghalhekk ukoll ghad-dannu ta' l-azzjonisti l-ohra.*

***<u>It-Talbiet tar-Rikorrent</u>***

**5.** *Illi r-rikorrent (bhala azzjonist minoritarju b'sehem effettiv ta' 8.1637% biss (rapprezentanti 7.99% sehem dirett tal-kapital azzjonarju tal-istess socjeta u l-bqija sehem indirett) gie msejjah (permezz ta' Avviz mibghut mill-kumpanija fit-8 ta' April 2015), sabiex, flimkien mas-7 azzjonisti l-ohra tal-kumpanjia, jattendi Laqgha Generali Straordinarja tal-azzjonisti fil-25 ta' April b'agenda li kienet tinkludi, inter alia, diskussjoni dwar resoluzzjoni straordinarja ("Extraordinary Resolution Text and Principal Purpose" – "***ir-Risoluzzjoni***") proposta mid-diretturi ghall-approvazzjoni ta' offerta ghall-bejgh tas-sussidjarji Akropolis Real Estate B.V., Akropolis Group, UAB, and Nikola Mushanov Projektas, UAB – lkoll sussidjarji tal-istess kumpanija intimata. Illi ghal kull buon fini r-Risoluzzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "***DOK R1***" u n-notifika li ntbaghtet lill-azzjonisti kollha sabiex tigi msejha l-Laqgha Generali Straordinarja (li kienet tinkludi r-Risoluzzjoni anness maghha) qed tigi annessa u mmarkata bhala "***DOK R2***".*

**6.** *Illi l-offerta msemmija fir-Risoluzzjoni saret mill-kumpannija "Vilniaus prekyba" li hija ben maghrufa mir-rikorrent ghaliex kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem ir-rikorrent stess ghandu sehem akbar f'din il-kumpannija milli ghandu fil-kumpannija intimata Relvit Limited. Din l-offerta ntbaghtet lid-diretturi intimati f'Marzu tal-2015 u sussegwentement fit-8 ta' April 2015, giet iffirmata "**Non-Binding** Letter of Intent" ("***LOI***") bejn il-kumpannija intimata u l-istess offerent Vilniaus prekyba sabiex jigu ccarati certi parametri bazici dwar din l-offerta. Kopja ta din LOI qed tigi annessa u mmarkata "***DOK R3***" (li minn hawn il-quddiem ser tigi msejha l-***"Offerta Originali")***.*

**7.** *Illi sussegwentement u in konformita' ma' l-obbligi legali taghhom id-diretturi ghaddew biex isejhu l-laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti hawn fuq imsemmija ghaliex skond l-istatut tal-kumpannija decizjoni dwar bejgh ta' sussidjarji ghandha tittiehed mill-azzjonisti u mhux mid-diretturi.*

**8.** *Illi wara li hareg l-avviz ghall-laqgha straordinarja generali r-rikorrent baghat offerta ohra lid-diretturi tal-kumpannija, liema offerta giet f'idejn id-diretturi tlett ijiem biss qabel id-data tal-laqgha straordinarja;*

**9.** *Illi fil-waqt illi ma kellhomx dritt iwaffqu l-laqgha generali debitament msejha d-diretturi ghaddew sabiex jattendu l-istess laqgha li ghaliha attenda wkoll rapprezentant*

*tar-rikorrent. Din il-Laqgha Generali Straordinarja saret fil-25 ta' April 2015, pero' fuq suggeriment tad-diretturi stess il-vot rigward l-Offerta Originali ma ttiehedx u l-Laqgha Generali Straordinarja giet aggornata ghal nhar il-5 ta' Mejju 2015.*

**10.** *Illi r-rikorrent issa qieghed jitlob il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern sabiex l-intimati ma (1) jipprocedux bil-laqgha straordinarja generali ta' l-azzjonisti (li issa hija aggornata ghal nhar it-22 ta' Mejju 2015) u/jew (2) ma jipprocedux biex jittiehed vot dwar ir-Risoluzzjoni u "dan sakemm ir-rikorrenti jinghata l-informazzjoni kollha necessarja biex bhala azzjonista tal-kumpanija intimata jkun jista' b'mod sensat u infurmat jezercita d-dritt tieghu li jivvota fuq l-istess risoluzzjoni".*

**11.** *Illi r-rikorrent jikkontendi li huwa jhossu aggravat ghaliex ma kellux l-informazzjoni bizzejjed biex ikun jista' jiehu l-vot, sahansitra qieghed jallega li d-diretturi intimati qieghdin jippruvaw, b'mod intenzjonat, jiksru d-drittijiet tieghu bhala azzjonista minoretarju billi qieghdin jiffavurixxu l-azzjonista maggoritorju fil-kumpanija (u cioe' Lemax Limited);*

**12.** *Illi fil-waqt illi l-intimati qed jirrispingu bl-aktar mod qawwi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-konfront taghhom qed jirrizulta bl-aktar mod car illi r-rikorrent f'dan il-mandat qed ikun disonest ma' l-intimati u mal-Qorti ghaliex ma huwiex qed jaghti stampa kompluta tal-fatti u cirkostanzi kollha f'din il-kwistjoni u dan ghal ragunijiet illi jaf hu biss. Illi, kif ser jigi spjegat, (i) mhux minnu li r-rikorrent ma nghatax l-informazzjoni kollha necessarja biex bhala azzjonista tal-kumpannija intimata jkun jista' jezercita l-vot tieghu ghaliex tali informazzjoni inghatat fit-terminu maqbul; (ii) ir-rikorrent jipprova jpingi stampa ta' vittma tac-cirkostanzi ghaliex huwa azzjonista minoretarju pero' ma jghidx illi huwa kien ukoll offerent (fl-ahhar minuta) u li hu stess huwa hati ta' l-allegazzjonijiet li qed jaghmel kontra l-intimati; (iii) ir-rikorrent jaf ben tajjeb illi d-diretturi, mill-bidu nett u maghtul il-process kollu, agixxew bl-akbar trasparenza, fl-ahjar interess tal-kumpanija Relvit Limited, u b'rispett ghad-drittijiet tal-azzjonisti <u>kollha</u> u fl-ebda hin ma agixxew b'mod illi jiffavorixxi azzjonist fuq iehor jew li b'xi mod jippregudika jew jizvantaggja xi azzjonist partikolari anzi kienu huma stess li ssuggerew illi gjaladarba dahlet offerta ohra wara l-Offerta Originali ma ghandux jittiehed vot sakemm jigu ezaminati z-zewg offerti; u (iv) fi kwalunkwe kaz anke li kieku l-azzjonista magoritarju qabad u insista li jittiehed vot fuq il-Originali*

*Originali fil-laqgha tal-25 ta' April kontra s-suggeriment tad-diretturi (kif kellhom dritt jaghmlu) xorta wahda r-rikorrent ma kien ser isofri l-ebda pregudizzju mill-bejgh propost ghaliex s-sehem tieghu fl-offerent huwa akbar mis-sehem tieghu f'Relvit Limited.*

***Ir-Rikorrent mhux biss Azzjonist f'Relvit Limited***

**13.** *Illi qabel ma l-intimati jaghmlu s-sottomissjonijiet rigward l-informazzjoni li kellu r-rikkorent u rigward il-kondotta tal-istess diretturi intimati maghtul il-process, f'dan l-istadju huwa ferm opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tapprezza li l-istess rikorrent naqas, bla dubju b'mod intenzjonat, milli jghid fir-Rikors tieghu l-verita' kollha rigward l-interessi tieghu fil-materja ta' dina l-kwistjoni u dan ghaliex din il-verita' tkisser l-htiega fundamentali ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u cioe' l-htiega li jipprova l-pregudizzju;*

*(I) Ir-rikorrent huwa wkoll azzjonist fil-kumpannija li ghamlet l-Offerta Originali u cioe' "Vilniaus prekyba" u ghalhekk anke' jekk tghaddi r-risoluzzjoni proposta ser jibqa jgawdi, f'sehem sahansitra akbar mili jgawdi llum, mill-assi li ser jinbieghu meta (u jekk) issir it-transazzjoni skond l-Offerta Originali.*

**14.** *Illi r-rikorrent huwa azzjonisti fil-kumpanija Vilniaus prekyba (indirettament tramite zewg kumpanniji ohra b'sehem ta' 8.75562% f'din il-kumpanija) u ghaldaqstant dan ifisser illi – bhala fatt - huwa ser jibqa jgawdi b'sehem akbar fl-assi relattivi meta (u jekk) issir it-transazzjoni skond l-Offerta Originali.*

**15.** *Illi dan il-fatt wahdu wkoll huwa ta' importanza kbira fil-kuntest tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti – u dan partikolarment meta wiehed jikkunsidra l-kriterji mehtiega biex jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u cioe' l-htiega tal-prova tal-pregudizzju.*

*(II) Ir-Rikorrent huwa wkoll Offerent*

**16.** *Illi kif intqal hawn fuq, din il-Qorti ghandha tkun taf (ghaliex ir-rikorrent donnu nesa' jsemmi) illi l-istess rikorrent mhux biss azzjonista minoritarju fil-kumpannija intimata*

*b'interess li jippartecipa fil-vot rigward ir-Risoluzzjoni, izda sahansitra hu, huwa stess, offerent - u cioe', pogga lilu nnifsu quddiem il-Board kif ukoll l-Laqgha Generali Straordinarju b'offerta miktuba, bhala xerrej potenzjal fl-istess transazzjoni li kienet ser tigi diskussa fil-laqgha generali straordinarja msejha ghall-25 ta' April, 2015 (cioe' dwar il-bejgh tas-sussidijarji tal-kumpannija intimata).*

**17.** *Illi ghal kull buon fini, tajjeb li ssir referenza ghad-dokument li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**DOK R4**") li proprju jirraprezenta, fost affarijiet ohra, l-proposta ufficjali tal-istess rikorrent bhala alternattiva ghall-Offerta Originali. Din giet notifikata lid-diretturi intimati fil-21 ta' April 2015, <u>tlett ijiem biss</u> qabel il-gurnata tal-Laqgha General Stroardinarja .*

**18.** *Illi fid-dawl ta' din il-proposta d-diretturi, korrettement, ipproponew illi fil-laqgha tal-25 ta' April, 2015 ma jittehidx vot dwar l-Offerta Originali u dan sabiex id-diretturi ikollhom zmien u opportunita' sabiex jezaminaw ukoll it-tieni offerta qabel ma tittiehed decizjoni. Fil-fatt kif jaf ir-rikorrent ghaliex kien prezenti ghall-laqgha (tramite rapprezentanti tieghu) l-azzjonisti ddecidew illi jitolbu informazzjoni ulterjuri dwar it-tieni offerta u giet rikjesta wkoll xi informazzjoni ulterjuri dwar l-Offerta Originali (ghalkemm kif ser jigi spjegat kien hemm gja informazzjoni sufficjenti) u dan sa mhux aktar tard mid-data li fiha gie miftiehem li tkompli l-laqgha u cioe' sal-5 ta' Mejju, 2015;*

**19.** *Illi sussegwentement fil-27 ta' April id-diretturi kitbu lill-offerenti u talbuhom jaghtu l-informazzjoni sad-29 ta' April, 2015 sabiex id-diretturi ikollhom zmien jezaminawhom qabel ma tkompli l-laqgha. Dan kollu kien qed isir fil-kuntest illi l-Offerta Originali kienet ser tiskadi fl-29 ta' Mejju, 2015 u ghalhekk id-diretturi hassew id-dmir illi kull decizjoni tittiehed fi zmien utili;*

**20.** *Illi fil-waqt illi l-ewwel offerent Vilniaus prekyba baghat l-informazzjoni kollha rikjesta minnu, r-rikorrent naqas milli jaghmel dan u minnflok hareg il-mandat ta' inibizzjoni odjern sabiex iwaqqaf il-procedura miftehema minnu stess;*

**21.** *Illi dawn il-fatti ghalhekk ipoggu t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni f'kuntest totalment differenti minn dak li pinga hu fir-rikors tieghu – u dan*

*kif ser jigi spjegat aktar l-isfel, stante illi fil-waqt li mhux minnu li t-talba li qieghed iressaq hija msejsa fuq in-nuqqas ta' informazzjoni li qieghed jallega jew fuq xi agir skorrett tad-diretturi – jidher, mill-agir tieghu u l-mod kif intavola dawn il-proceduri, li huwa qieghed biss jipprova jirbah il-hin stante illi jew l-offerta tieghu ma hijiex wahda serja; u/jew m'ghandux l-appogg finanzjarju biex jiffinanzja l-offerta li pogga fuq il-mejda; u/jew qieghed jipprova jtawwal sakemm l-Offerta Originali li saret lill-Bord (kif imsemmi fir-Resoluzzjoni originali) tiskadi – liema Offerta Original tiskadi fid-29 ta' Mejju 2015.*

**22.** *Illi ghaldaqstant huwa dan ix-xenarju li din l-Onorabbli Qorti trid tikkunsidra ghar-rigward it-talba ghall-hrug tal-mandat.*

***X'Informazzjoni Kellu r-Rikorrent rigward l-Offerta Originali?***

**23.** *Illi l-intimati jisstomettu li l-allegazzjoni li r-rikorrent m'ghandux bizzejjed informazzjoni biex ikun jista, b'mod infurmat u sensat, jivvaluta u janalizza l-Offerta Originali biex jippartecipa fil-vot huwa infondat u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

i. *Illi b'harsa lejn ir-Resoluzzjoni, kwalunkwe persuna tista' ssir taf x'inhuma l-parametri tat-transazzjoni mahsuba;*

ii. *Illi huwa car li l-prezz kien gja stabilit bhala prezz minimu - u kien ilu hekk stabilit minn mindu gie iffirmat l-LOI fit-8 ta' April 2014, b'mod illi d-diretturi setghu, u l-azzjonisti jistghu jikkunsidraw jekk l-offerta u t-transazzjoni proposta hiex wahda li taghmel sens u li hija fl-interess tal-kumpanija. Illi jirrizulta mir-Rizoluzjoni u mill-LOI illi l-prezz propost huwa ta' mhux anqas minn mitejn seba u disghin miljun, tlett mija u ghoxrin elf Ewro (€ 297,320 000) u dan il-prezz seta biss jitla jekk, b'valutazzjoni li kellha ssir f'Marzu 2015, jirrizulta illi l-valur tal-assi jkun tela.*

iii. *Illi ghal kull buon fini l-kumpanija gja kellha l-assi taghha valutati (permezz ta' esperti indipendenti) fuq bazi annwali u dan il-valur gie indikat fil-Financial Statements konsolidati u approvati mill-azzjonisti (inkluz ghalhekk ir-rikorrent).*

*Il-process biex gie valutat il-valur tal-assi fl-Offerta Originali sar f'Novembru tal-2014 mid-ditta "DTZ Baltic", kumpanija indipendenti specjalizzati fil-valutazzjonijiet imsemmija. Il-valur gie stabbilit bhala l-prezz bazi ghat-tranzazzjoni kif gie miftiehem.*

iv. *Illi ghaldaqstant id-diretturi setghu jevalwaw il-proposta stante illi jafu l-prezz minimu u in ogni caso l-prezz seta biss jitla u mhux jinzel – dan bla dubju a favur tal-kumpanija (u indirettament tal-azzjonisti kollha tal-kumpanija).*

v. *Illi interessanti li in fatti, kif inhu infurmat r-rikorrent, minn mindu saret l-LOI, saret it-tieni valutazzjoni tal-assi mill-istess ditta indipendenti li permezz taghha l-prezz finali tela b'circa EUR 32,095000 sabiex illum, jekk il-vot fuq ir-Risolizzjoni jittiehed u jekk il-vot jghaddi il-prezz finali jkun tela ghal circa EUR 329,415000.*

vi. *Illi tajjeb wiehed jinnota illi kien gie imbassar li l-Offerta Originali kienet, bil-prezz minimu originali stabilita fl-LOI, ser taghti lill-kumpannija qligh (gain) ta' circa €99,000000. Bl-ahhar valutazzjoni li saret u bil-prezz aggustat huwa mbassar illi l-kumpanija ser tgawdi minn qligh ta' circa '€131,095,000. (L-imsemmija qligh huwa kkalkulat billi jitnaqqas mill-prezz tal-bejgh il-Principal u l-imghax dovut fuq self li l-kumpanija ghandha ma entita' ohra relatata – u li taghha huwa azzjonist ir-rikorrent).*

vii. *Illi dan kollu juri illi l-prezz mhux talli kien stabilit, talli kien sahansitra stabilit b'mod trasparenti ghall-ahhar, u b'mod li seta jigi evalwat mid-diretturi u mill-azzjonisti kollha minghajr xkiel. Il-prezz kien fil-fatt stabilit b'mod illi r-riskji ghall-kumpanija kienu limitati f'parametri fissi u b'mod illi l-kumpanija setghet biss tgawdi izdjed mill-prezz minimu.*

viii. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tant hu minnu li r-rikorrent bhala azzjonist kellu bizzejjed informazzjoni f''idejh biex jevalwa l-Offerta Originali li fil-21 ta' April 2015 huwa ghogbu jibghat ittra formali lid-direttur, kif ukoll lill-azzjonisti kollha l-ohra, fejn jaghti spjegazzjoni tal-opinjoni personali tieghu rigward ghalfejn jahseb li l-Offerta Originali ma kienetx wahda tajba u in oltre,*

*ghaldaqstant kien qieghed ipoggi fuq il-mejda, qabel il-Laqgha Generali Straordinarja, offerta ohra (l-offerta tieghu) li skond hu kienet offerta ferm ahjar ghall-kumpanija u ghall-azzjonisti kollha (vide offerta hawn annessa u mmarkata* ***DOK R4****).*

ix. *Illi tant hu hekk illi, fl-istess ittra formali, wara li jghid ghal fejn ma jaqbilx mal-proposta, huwa jkompli jzid illi "I am certain that if my offer is accepted, it will add value to all the Shareholders, including myself, and the Company, also allowing the Shareholders to better align their business interests and core competences in their respective fields".*

**24.** *Illi ghaldaqstant – mhux talli kellu bizzejjed informazzjoni f'idejh, izda dan irnexxielu jevalwa l-informazzjoni, inkluz il-prezz, jikkunsidra illi skond hu l-offerta mhiex wahda tajba, u sahansitra johrog b'offerta li skond hu hija ahjar meta kkumparat mal-ewwel Offerta Originali.*

**25.** *Illi li kieku r-rikorrent ma kellux bizzejjed informazzjoni f'idejh, bla dubju ma kienx ser ikun fil-posizzjoni biex jghid dan kollu u jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet u shansitra jaghti parir lid-diretturi u lill-azzjonisti l-ohra rigward offerta gdida li hija ahjar mill-ewwel wahda li kellhom quddiemhom.*

**26.** *Illi in oltre, fil-waqt illi l-Offerta Originali kienet offerta bi hlas cash u kienet intiza sabiex it-transazzjoni 'ssir "in the shortest time possible, but no later than the Agreement Expiration Date" (u cioe' sa mhux aktar tard mid-29 ta Mejju 2015), l-offerta tar-rikorrent tiddisponi li jista' jkun li l-hlas isir permezz ta' assi ohra (ishma) u illi "the transaction to be executed as soon as reasonably possible" (cioe' bla data definittiva).*

**27.** *Illi ghaldaqstant l-intimati jergghu jenfasizzaw illi r-rikorrent kellu bizzejjed informazzjoni sabiex irnexxielu jevalwa l-implikazzjonijiet tal-Offerta Originali u jipprezenta offerta ohra (simili izda mhux l-istess ghall-Offerta Originali).*

***Process Trasparenti***

**28.** *Illi d-diretturi intimati jerghhu jissottomettu bla tlaqliq illi huma minn dejjem agixxew bl-aktar mod trasparenti u fl-interess primarju tal-kumpanija, minghajr preferenza ghal xi azzjonist partikolari. Huma jissottomettu illi meta ghaddew informazzjoni u/jew dokumentazzjoni, ghaddew l-istess informazzjoni u dokumentazzjoni lill-kull azzjonist, fl-istess hin, minghajr ma ppreferew jew agevloaw lil xi azzjonist partikolari u minghajr ma hbew xi informazzjoni minn xi azzjonist.*

**29.** *Illi kif suespost malli d-diretturi saru jafu bl-Offerta Originali (f'Marzu 2015) huma vvalutaw jekk din tistax tkun ta' interess ghall-kumpanija, u sahansitra talbu sabiex l-offerent jidhol ghall-LOI sabiex t-transazzjoni proposta ma tkunx wahda frivola izda li tkun wahda serja.*

**30.** *Illi l-LOI fil-fatt gie ffirmat fit-8 ta' April 2015.*

**31.** *Illi fl-istess gurnata, u cioe' fit-8 ta' April 2015, inhareg "Notice to Shareholders" notifikat lill-azzjonisti kollha tal-kumpanija intimata (inkluz ghalhekk lir-rikorrent) bid-data tal-Laqgha Generali Annwali mahsuba proprju sabiex tikkunsidra l-Offerta Originali fejn flimkien man-Notice intbaghtet ukoll ir-Risoluzzjoni li kienet tinkludi l-proposta, inkluz d-dettalji u l-parametri tat-transazzjoni b'referenza ghall-prezz u l-metodu ta' kif dan gie valutat u kif seta jigi aggustat biss il-fuq.*

**32.** *Illi r-Risoluzzjoni specifikat illi "[the] sale is subject to shareholder approval" – u dan ghaliex id-diretturi riedu jaghmluha cara illi sabiex issir t-transazzjoni kellu jkun hemm vot tal-azzjonisti li japprova li l-istess transazzjoni ssir ai termini tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija. Illi ghal kull buon fini, dan kollu kien ukoll gja rifless fl-LOI stess, specifikament fil-klawzola Nru 3.1.1 li tiddisponi li bhala "condition precedent" irid ikun hemm "The approval of the Seller's general meeting of the shareholders of the intended disposal of the Shares of the Companies held by the Seller, in accordance with the rules and procedures established by the Articles of Association of the Seller".*

**33.** *Illi jinghad ukoll illi r-rikorrent baghat l-ewwel ittra tieghu lid-diretturi (tramite ditta ta' avukati) il-**Hamis 16 ta' April 2015** fejn essenzjalment talab biex jircievi aktar*

*informazzjoni mid-diretturi rigward ir-Resoluzzjoni u n-Notice to Shareholders tat-8 t'April (hawn anness u mmarkat "**DOK R5")**.*

**34.** *Illi qabel ma d-diretturi kellhom l-opportunita' jirrispondu ghal din it-talba, fit-**Tlieta 21 ta' April 2015** r-rikorrent qabad u baghat ittra ohra li fiha informa lid-diretturi u lill-azzjonisti kollha illi huwa kien evalwa l-Offerta Originali u li fil-waqt illi kellu dubbji fuq l-Offerta Originali, kien qieghed jipprezenta offerta alternattiva.*

**35.** *Illi ghaldaqstant fit-**23 ta' April 2015**, in konsiderazzjoni tal-ittri li kien baghat l-istess rikorrent (u tenut kont illi f'dan l-istadju r-rikorrent ma kienx biss azzjonist izda wkoll offerent) id-Diretturi baghtu jinfurmaw lill-azzjonisti kollha b'"Note To Shareholders" ulterjuri – fejn bl-akbar trasparenza, u b'mod ugwali ghal kullhadd mhux biss infurmaw lil kullhadd bl-offerta li ressaq ir-rikorrent, izda sahansitra taw aktar informazzjoni dwar ir-Resoluzzjoni u r-ragunijiet ghalfejn il-Bord ressaq ir-Resoluzzjoni – inkluz informazzjoni dwar (i) l-economic outlook and rational behind the disposal, (ii) benefit to the shareholders, (iii) economic threats of the proposed transaction, (iv) inherent microeconomic factors at the level of the Company, (v) tax matters, (vi) intra-group transacation, (vii) future perspective u (viii) recent development and EGM.*

*(In-Note to Shareholders datat 23.04.2015 qed jigi hawn anness u mmarkat "**DOK R6")**.*

**36.** *Illi l-Laqgha Generali Straordinarja saret fil-25 ta' April 2015, fejn kien hemm prezenti l-azzjonisti (jew rapprezentanti taghhom – inkluz rapprezentanti tar-rikorrent).*

*(Il-abozz tal-minuti tal-Laqgha Generali Straordinaja qed jigu hawn annessi u mamrkati "**DOK R7**)*

**37.** *Illi fl-istadju bikri tal-Laqgha, ic-Chairman informa lill-EGM li minhabba li kien hemm it-tieni offerta tar-rikorrent u li minhabba wkoll li l-agenda tal-EGM ma kienx jippermetti li din it-tieni offerta tigi diskussa formalment, u ghalhekk ic-Chairman ippropona illi jigi kkancellat l-EGM sabiex jaghti cans lil-Bord li jikkonsidra t-tieni*

*offerta f'iktar dettall, u biex jekk ikun necessarju terga tigi msejha EGM ohra biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-azzjonisti;*

*Illi rizoluzzjoni ordinarja b'din il-proposta tressqet ghall-vot. Madanakollu, il-maggoranza ta' dawk prezenti fl-EGM ivvotaw kontra u b'hekk l-EGM kellu jipprocedi.*

**38.** *Illi kif intqal iktar 'l quddiem, hekk kif kompla l-EGM ic-Chairman ippropona (bhala alternattiva ghall-kancellament tal-laqgha) li l-EGM tigi aggornata biex tinkiseb kull informazzjoni mehtiega dwar iz-zewg offerti u sabiex id-diretturi ikollhom zmien jezaminaw l-istess u jekk ikun il-kaz jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom.*

**39.** *Illi minhabba nuqqas ta' ftehim ic-Chairman tal-laqgha aggorna l-laqgha temporanjament f'dak il-hin. Waqt l-aggornament saru diskussjonijiet informali bejn il-partijiet prezenti kollha, u d-diskussjoni bejn l-azzjonisti ffokat primarjament fuq t-tieni offerta prezentata mir-rapprezentanti tar-rikorrent u partikolarment dwar kif r-rikorrenti kien bi hsiebu jiffinanzja l-offerta tieghu. Dak il-hin ir-rapprezentanti tar-rikorrent taw x'jifmu lill-dawk prezenti li r-rikorrent kien ser ikun kapaci jipprezenta prova li kellu appogg finanzjarju konkret (cash or cash equivalent ta' min tal-inqas 30% tal-prezz offert minnu) fi zmien qasir pero fl-istess hin insistew illi ma setawx jaghtu din l-informazzjoni lil-azzjonisti l-ohra ghal-ragunijiet ta' kunfidenzjalita', u ghaldaqstant minflok gie propost mill-azzjonisti l-ohra illi jghaddi l-informazzjoni biss lil Bord tad-Diretturi tal-kumpanija intimata Relvit.*

**40.** *Illi f'dan il-punt gie maqbul bejn dawk prezenti kollha inkluz ir-rapprezentanti tar-rikorrent, illi l-informazzjoni kienet ser tigi mghoddija lil-Bord tad-Diretturi biex il-Bord jevalwa l-istess imbaghad javza lil-azzjonisti kollha dwar id-dettalji ta' l-offerta u l-finanzjament relattiv .*

**41.** *Illi r-rapprezentanti tal-azzjonist maggoritarju Lemax Limited iddikjara illi jekk l-informazzjoni moghtija dwar it-tieni offerta tkun wahda kredibbli u li tissostanzja l-istess offerta b'mod konkret, Lemax kienet lesta li tastjeni milli tivota dwar l-Offerta Originali biex b'hekk tkun tista' tigi msejha laqgha generali straordinarja ohra li fiha jigu proposti l-offerti alternattivi u jkun jista jittiehed vot fuqhom it-tnejn.*

**42.** *Illi malli ntlehaq dan il-ftehim informali l-EGM kompla u ttiehed vot fejn l-azzjonisti (inkluz r-rikorrent innifsu) vvotaw favur li tigi aggornata l-EGM sal-5 ta' Mejju.*

**43.** *Illi f'dan l-isfond u peress illi r-rikorrent jallega illi d-diretturi ma mxewx b'mod korrett jew trasparenti jew li b'xi md iffavorew xi azzjonist fuq iehor ghandu jigi emfasizzat illi kienu fil-fatt id-diretturi stess li fl-ewwel lok ipproponew il-kancellament tal-laqgha u sussegwentement insistew ripetutament illi l-vot ma jittehidx u dan ukoll minkejja illi r-rikorrent stess beda jinsisti li jittiehed vot;*

**44.** *Illi b'hekk, l-EGM gie effettivament aggornat ghall-5 ta' Mejju 2015 u r-rikorrent kellu jibghat l-informazzjoni dwar l-offerta tieghu lil-Bord. Kif intqal hawn fuq, sussegwentement il-Bord kiteb lir-rikorrent permezz ta' ittra datata-29 ta' April 2015, COB.*

**45.** *Fl-ittra l-Bord enfassizza li l-Bord:*

> *"deems it in the best interest of the Company and of all shareholders that the proposals, being the Offer and the Vilniaus Offer, are analysed objectively and accordingly proposed for the meeting to be adjourned allowing you time to present the necessary information [..,.] the board wishes to assure you and all the shareholders, of its continued objective and non-discriminatory consideration of the proposals in the best interest of the Company and the shareholders"*

*F'dan il-kuntest il-Bord enfassizza wkoll illi "at this moment in time, having regard to preliminary value of the transaction, it would be sufficient to demonstrate that either you or companies controlled by you hold at least ninety million Euro 90,000,000 equity in cash or cash equivalents".*

*Il-Bord tenna illi galadarba ir-rikorrent ipprovda l-informazzjoni "in a timely manner as per our request hereof, the Board will once recommend that the adjourned EGM, scheduled for the 5th of May 2015 be dissolved".*

*Inoltre, l-Bord ukoll tenna illi kien ser:*

> *"analyse and consider the above information / data /documents (if dispatched and receive in timely manner) and shall present a summary of the anonymised information (without confidential data) to the shareholders in due time before or during the adjourned EGM"*

*Din l-ittra tal-Bord hija annessa u mmarkata bhala "**DOK R8**"*

**46.** *Illi b'hekk, u kif jidher car, ma hem l-ebda dubju li l-Bord u d-Dirtettui aggixew bi trasparenza assoluta lejn l-azzjonisti kollha inkluz r-rikorrent innifsu, sabiex l-offerta tieghu tinghata l-konsiderazzjoni dovuta – kemm qabel l-EGM, waqt l-EGM u kif ukoll wara li l-EGM gie aggornat*

**47.** *Illi fil-frattemp id-diretturi kienu qed jircievu aktar informazzjoni minghand "Vilniaus prekyba" kif miftiehem fil-laqgha sabiex din tinghata fit-terminu miftiehem pero minghand r-rikorrent baqghu ma rcevew xejn. Fid-**29 ta' April 2015**, il-Bord ircieva ittra mir-rikorrent fejn huwa allega ghal darb'ohra b'mod generiku illi l-informazzjoni li kien ircieva sa dik il-gurnata mhux biss kienet insufficjenti izda issa kienet ukoll kontradittorja u ghalhekk kien ser izomm lura milli jipprovdi l-informazzjoni.*

*Din l-ittra hija annessa u mmarkata bhala "**DOK R9**"*

**48.** *Illi minkejja illi t-terminu miftiehem ghall-produzzjoni ta' l-informazzjoni kien ghadu ma skadiex u minkejja li d-diretturi kienu gja gabru l-parti l-kbira ta' l-informazzjoni mehtiega minghand Vilniaus prekyba tard filghodu fil-gurnata tat-30 ta' April 2015, il-kumpanija u d-diretturi intimati gew notifikati bil-Mandat ta' Inibizzjoni odjern li kien gietipprezentata fir-Registru dak inhar stess;*

**49.** *Illi f'dan l-isfond fl-opinjoni umli tal-esponenti dan il-mandat ta' inibizzjoni huwa intiz biss biex itawwal u jfixkel ghaliex r-rikorrent ma jistax jissostanzja l-offerta tieghu. Bir-rispett dan jikkostitwixxi abbuz ta' proceduri u huwa agir in mala fede min naha tar-rikorrent li jibqa jwebbes rasu minkejja li l-Bord agevolah u minkejja li kien hemm ftehim u shansitra minkejja illi huwa lien ta' terminu ta' zmien ghal risposta finali.*

**50.** *Illi f'dan il-kuntest il-Bord hass illi kellu jinforma lill-azzjonisti kollha dwar dawn l-izviluppi u ghalhekk intbaghtet email fit-**30 ta' April** fejn gew spjegati l-izviluppi kollha u fejn ghal darb'ohra, minkejja li l-azzjonisti kellhom bizzejjed informazzjoni fidejhom, il-Bord rega baghat aktar informazzjoni lill-azzjonisti rigward it-transazzjoni u l-offerti permezz ta' "Updated Note to the Shareholders of Relvit Limited". Din l-informazzjoni kienet tinkludi*

(1) *Estratt mill-Valuation Reports rigward il-valwazzjoni tal-assi;*

(2) *Informazzjoni ulterjri rigward l-Offerta Originali ta "Vilniaus prekyba" inkluz :*

a. *Ittra minn UAB "Vilniaus prekyba" fejn jikkonfermaw, (inkluz permezz ta' evidenza dokumentarja li ghandu l-Bord) d-disponabilta ta' "cash and cash equivalents" ghall-finaznjament ta 30% tal-prezz bazi;*
b. *Informazzjoni rigward il-finanzjament tal-prezz finali minn UAB "Vilniaus prekyba";*
c. *Standalone and Consolidated Balance sheet ta "Vilniaus prekyba";*
d. *Standalone and Consolidated Income Statement ta UAB "Vilniaus prekyba";*

*Din l-ittra tal-Bord hija annessa u mmarkata bhala "**DOK R10**"*

**51.** *Illi ghaldaqstant l-intimati jissottomettu illi r-rikorrent gja kellu bizzejjed informazzjoni f'idejh biex jikkunsidra l-Offerta Originali meta saret l-laqgha straordinarja generali fit-25 ta' April u issa ghandu f'idejh l-informazzjoni kollha li qed jitlob u li jsemmi fil-mandat de quo;*

**52.** *Illi ghal kull buon fini, u biex l-intimati jkunu certi illi r-rikorrent ma jibqax jghid b'mod generiku illi huwa ma ghandux bizzejjed informazzjoni, l-intimati jikkonfermaw*

*illi sal-gurnata tal-prezentata ta' din ir-Risposta ir-rikorrent ghandu f'idejh inter alia is-segwenti informazzjoni relatata mal-Offerta Originali:*

*(i) Dettalji tal-Partjiiet*
*(ii) Prezz Finali*
*(iii) Estratti miz-zewg rapport ta' valwazzjoni (Novebru 2014 u Marzu 2015)*
*(iv) Terms of Sale (LOI – inkluz id-data tal-closing, payment terms on cash fost affarijiet ohra);*
*(v) Proof of Funds ghal 30% tal-prezz finali Proof of Financing tal-prezz finali*
*(vi) Opinjoni tal-Bord fuq l-importanza tat-transazzjoni, inkluz rigward ir-riskji li jsita jkun hemm;*
*(vii) Informazzjoni dwar il-gwadann ghall-kumpanija;*
*(viii) Informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-kumpanija ghall-uzu tad-dhul (inkluz li ser jithallas id-dejn tal-kumpanija)*

**53.** *Illi ghaldaqstant, t-talba tar-rikorrent sabiex il-mandat jinhareg u biex ma jsirx l-EGM u biex ma jittiehidx il-vot sakemm tinghata l-informazzjoni mehtiega huwa ezawrit u ghalhekk jaqaw l-elementi tad-dritt allegatament lez u tal-pregudizzju irrimedjabbli.*

**54.** *Illi tajjeb wiehed jinnota wkoll illi sal-prezentata ta' din ir-Risposta, r-rikorrent baqa ma baghtx aktar informazzjoni rigward l-offerta li huwa ghamel kif fil-fatt kien qal li ser jaghmel meta l-Laqgha Generali Straordinarja giet aggornata ghal dak l-iskop bil-ftehim tar-rikorrenti stess.*

**55.** *Illi ghal kull buon fini, permezz ta' ittra ulterjuri tal-5 ta' Mejju, 2015 id-diretturi regghu talbu, in buona fede, lir-rikorrent sabiex jibghat l-informazzjoni li kellu jibghat. (vide dokument anness u mmarkat "**DOK R11**") izda din reghhet baqghet bla risposta.*

***L-Azzjonisti l-Ohra***

**56.** *Illi l-intimati jirrlevaw ukoll illi l-kumpanija Relvit Limited ghandha total ta 8 azzjonisti, fostom ir-rikorrent.*

**57.** *Illi tajjeb li l-Qorti tapprezza illi minkejja illi l-azzjonisti kollha l-ohra huma infurmati b'dak kollu li huwa ghaddej, il-Bord ma rcieva ebda ilment simili minghand xi azzjonist minoritarju iehor – u ghaldaqstant dan juri, fl-opinjoni umli tal-esponenti, illi minkejja li hemm numru ta; dawn l-azzjonisti, dawn mhux qed ihossuhom ppregudikati u sahansitra mhux qed jitolbu li titwaqqaf il-Laqgha Generali Straordinajru;*

***<u>Ir-rikorrent ghandu rimedju alternattiv u mhux ser isofri pregudizzju irrimedjabbli</u>***

**58.** *Illi tajjeb wiehed jifhem illi l-azzjonisti ghandhom kollha d-dritt tal-vot rigward it-transazzjoni – tkun li tkun;*

**59.** *Illi r-rikorrent ma jistax, sakemm ma jippruvax illi hemm cirkostanzi ta' natura gravi hafna li jikkostitwixxu agir **<u>illegali</u>** juzaw din il-procedura sabiex iwaqqfu lill-azzjonisti kollha l-ohra tal-kumpannija milli jezercitaw id-dritt fondamentali tal-vot illi jaghtuhom l-ishma taghhom;*

**60.** *Illi ghalhekk jigi sottomess br-rispett illi l-procedura adottata mir-rikorrent permezz ta' dan il-mandat ma hijiex il-procedura kontemplata mil-ligi ghal-lanjanzi bhal dawk illi ghandu r-rikorrent u ghandu rimedji ohrajn inkluz fil-ligi partikolari dwar il-kumpanniji jekk jidhirlu illi l-azzjonisti magoretarji qed jagixxu b'mod li huwa ta' pregudizzju ghall-kumpannija jew ghalih bhala azzjonista minoritarju;*

**61.** *Illi pero' ma jistax ir-rikorrent iwaqqaf lill-azzjonisti magoritarji milli jezercitaw id-drittijiet legittimi taghhom bhala tali u jzommu l-kumpannija milli tezercita n-negozju taghha sakemm dan ikun qed isir skond il-proceduri legali u t-termini ta' l-istatut tal-kumpannija;*

**62.** *Illi d-dritt li ghandu r-rikorrent bhala azzjonista huwa illi jivvota kontra risoluzzjoni proposta jekk ma jaqbilx maghha ghaliex id-dritt tal-vot huwa marbut ma' l-ishma tieghu u ghandu ukoll drittijiet u rimedji ohra fil-ligi jekk l-affarijiet tal-kumpannija ikunu qed jitmexxew b'mod ta' pregudizzju jew oppressiv fil-konfront tal-kumpannija jew l-azzjonisti. Pero' ma ghandux dritt jwaqqaf lil haddiehor milli jezercita d-dritt tal-vot tieghu;*

**63.** *Illi ghalhekk ukoll, tenut illi r-rikorrent ghandu rimedji alternattivi fil-ligi l-hrug tal-mandat tal-Inibizzjoni* ***mhux mehtieg*** *– u mhux necessarju.*

**64.** *Illi in oltre, kif suespost, anki f'kaz li tghaddi r-Risoluzzjoni proposta (jekk tghaddi), ir-Rikorrent lanqas ma huwa ser isofri pregudizzju ghaliex bhala azzjonist fil-kumpannija li ghamlet l-Offerta Originali ser jibqa jgawdi, mhux biss fl-istess sehem li jgawdi llum izda sahansitra f'sehem akbar, mill-assi li ser jinbieghu meta (u jekk) issir it-transazzjoni skond l-Offerta Originali.*

**65.** *Illi dan jista jigi mfisser permezz tal-organogram li qed tigi hawn anessa u mmarkata "****DOK R12****".*

**66.** *Illi ghaldaqstant l-intimati jikkontendu illi r-rikorrent ghal darb'ohra mhux f'posizzjoni illi jipprova illi ser isofri xi pregudizzju. Bil-kuntrarju, fil-waqt illi d-transazzjoni ser tkun wahda ghall-gid tal-kumpanija intimate Relvit Limited, huwa bhala azzjonist ser jibqa jgawdi sehem fl-assi mibjugha fl-istess sehem li jgawdi illum.*

**67.** *Illi dwar dawn s-sottomissjonijiet qed ssir referenza ghall-gurisprudenza lokali fuq il-Mandati ta' Inibizzjoni li b'mod konsistenti tistipula li "l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz* ***procedurali eccezzjonali*** *u mhux normali ta' provediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalieh fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u* ***b'mod irrimedjabbli"*** *(vide: vide:* ***Computime Limited Vs MITA 14.12.12*** *(ibid)****; Charles Mugliett vs Saviour Bonnici*** *deciza fil-25 01.2005 JRM – enfasi mizjud, vide: wkoll P.A. NC 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors ghall-Hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali tal-Kuntratti et.****).*

**68.** *Illi fil-Mandat Numru 749/2011/1 MC (****PF Steel Ltd Vs tal-Herba Construction Ltd****) l-Qorti Civili fl-2011 ikkonfermat illi l-akkoljiment ta' mandati :*

> *"isiru meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha accertata u stabbilita u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-ligi iridu jircevu interpretazzjoni restrittiva. Mhux bizzejjed li ghal hrug ta' mandat ir-rikorrenti juri li ghandu prima facie dritt*

*billi ghandu pretensjoni, pretensjoni li avvanza f'dan ir-rikors billi wera bla ma gie oppost li hemm kawza pendenti fuq il-pretensjoni minnu avvanzata,* ***pero irid jipprova illi l-mandat hu necessarju b'tali mod li n-nuqqas ta' hrug tieghu ser isarraf f'dannu irrimedjabbli ghar-rikorrenti****." Illi jigi notat illi l-Qorti f'din il-kawza cahdet it-talba proprju ghaliex l-irrimedjabilta ma kienetx tirrizulta mir-rikors.*

**69.** *Illi f'sentenza simili l-istess Qorti qalet illi "l-Qrati ormai sostnew b'kostanza li jrid ikun irrimedjabbli" u in fatti "il-prova tal-irrimedjabilta tispetta lir-rikorrenti" (vide. Qorti Civili, Prim Awla, fl-ismijiet* ***Salvatore u Audrey konjugi Demanuele Vs Doreen Coleiro*** *(Mandat Nru. 969/2011/1)*

**70.** *Illi il-Qorti tal-Prim Awla fil-kawza suriferita* ***Computime Limited Vs Malta Informaiton Technology Agency (MITA)*** *tal-**14 ta' Dicembru 2012**, Mandat Nru 1727/2012/1) cahdet il-hrug ta' Mandat fejn qalet illi*

> *"**B'irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrenti ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod iehor**. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat " (vide wkol Qorti Civili, Prima Awla, tat-2 ta' Jannar 1993 fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Avukat Victor Borg Grech Vs Joseph Gasan et noe").*

**Ghaldaqstant** *l-intimati jiddikjaraw illi ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kolllha tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti nomine, fi ftit kliem, hi sabiex il-Qorti tordna il-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni biex izomm lis-socjeta' intimata u lill-intimati milli jipprocedu b'laqgha generali tal-azzjonisti aggornata ghal-5 ta' Mejju 2015, u milli zzomm l-istess intimate milli jipprocedu biex jittiehed vot dhal ir-rizoluzzjoni numru erbgha fin-notifika ghas-sejha tal-laqgha, bit-test propost mill-intimati; u dana in vista ta' nuqqas t'informazzjoni necessarja sabiex jigi ezercitat id-dritt tar-rikorrenti nomine li jivvota ghall-istess rizoluzzjoni.

Il-Qorti qabel ma tibda tezamina t-talba tar-rikorrenti nomine, kif presentata mill-mandatarju taghha Dr. Fiott, taghmel accenn ghal principji ormai stabbiliti li jigwidaw lil Qrati taghna fl-ghoti o meno ta' Mandati t'Inibizzjoni.

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkun jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"***

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa’ talba ghall-hrug ta’ l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta’ Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta’Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m’huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi illi ingabu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, jirrizulta illi rikorrenti nomine ilmenta illi s-socjeta’ intimata kif ukoll l-intimati ma ghaddewx l-informazzjoni necessarja sabiex rikorrenti nomine jkun f’qaghda li jifformola decizjoni informata sabiex jkun fi grad li jilhaq decizjoni dwar kif ghandu jivvota fuq ir-rezoluzzjoni numru erbgha fin-notifika, Dok. A a fol. 8 u 9, bit-test provdut skond Dok. B a fol. 11 u 12.

Irid f’dan l-istadju jinghad illi r-rezoluzzjoni in kwistjoni tirrigwarda l-approvazzjoni tal-bejgh mis-socjeta’ intimata, tas-socjetajiet sussidjarji taghha u cioe’ Akropolis Real Estate B.V., Akropolis Group, UAB, u Nikola Mushanov Projektas, UAB, lil Uzdararoji akcine bendrove “Viliaus Prekyba” u/jew lis-sussidjarji taghha u dan ghal mhux anqas minn disgha u disghin miljun Ewro (€99,000,000).

Ir-rikorrenti nomine sostna illi dan id-dritt tal-vot tieghu kien *“dritt fundamentali*” tieghu (a fol. 5 para. 6).

In fatti r-rikorrenti nomine jilmenta li ghalkemm saru valutazzjoni tal-ishma tas-socjetajiet sussidjarji f’Novembru 2014, din il-valutazzjoni ma gietx moghtija lill-azzjonisti, kif ma

gietx mghoddija l-valutazzjoni tal-istess ishma li kienet qed titnedi f'Marzu 2015. Di piu' rikorrenti nomine sostna li l-prezz li bih kellhom jinbieghu l-ishma tas-socjetajiet sussidjarji ma giex stabbilit u gie stabbilit **biss il-minimu tal-prezz** li bih setghu jinbieghu l-ishma ta' dawn is-socjetajiet sussidjarji.

Ir-rikorrenti nomine lmenta li minkejja dan kollu, d-Diretturi intimati xorta wahda ressqu din it-transazzjoni ghall-approvazzjoni tal-azzjonisti. Ir-rikorrenti nomine lmenta illi l-mod ta' kif giet formolata r-rezoluzzjoni, (fejn gie stabilit biss il-prezz minimu) m'hu xejn anqas minn talba lill-azzjonisti sabiex l-intimati ikunu jistghu jkomplu jinnegozjaw mal-offerent dwar il-prezz u kundizzjonijiet tal-bejgh tas-socjetajiet sussidjarji. Di piu minhabba l-fatt illi l-azzjonista maggoritarju (Lemax Limited) ghandha l-fuq minn 66% tal-ishma tas-socjeta' intimata u ghalhekk ghandha l-kontroll tal-voti f'laqgha generali tal-kumpanija anke f'rezoluzzjonijiet dwar materji li jehtiegu l-maggoranza ta' due terzi[4], r-rikorrenti nomine sostna li dan kollu juri agir, li mad-daqqa t'ghajn, kien oppressiv u pregudizzevoli ghar-rikorrenti nomine, azzjonista minoritarju.

Ir-rikorrenti nomine sostna li pregudizzju tieghu kien car u manifest u cioe' li n-nuqqas t'informazzjoni necessarja tizvestih mid-dritt tal-vot tieghu u tizvantaggh fil-konfront tal-azzjonista maggioritarju. Di piu' darba li l-vot tar-rikorrenti nomine jintilef, dan ikun intilef darba ghal dejjem.

Minn naha l-ohra s-socjeta intimata u l-intimat Karl Diacono li kkonferma r-risposta tal-intimati bil-gurament, rribadew illi r-rikorrenti nomine huwa azzjonista minoritarju b'cirka 8% tal-ishma fis-socjeta' intimata, izda gie rilevat ukoll li l-istess rikorrenti nomine hu azzjonista ukoll fis-socjeta offerenti cioe' "Viliaus Prekyba" f'sehem akbar cioe 8.75%.

**Jirrizulta pero li r-rikorrenti nomine huwa wkoll offerent fl-istess transazzjoni ghal bejgh tas-socjetajiet sussidjarji tal-kumpanija intimata dana kif jidher minn Dok. R4 a fol. 56,** materja illi ma tidher mkien menzjonata fir-rikors tar-rikorrenti nomine.

Jirrizulta li din l-offerta da parti tar-rikorrenti nomine dahhlet biss tlett ijiem qabel il-gurnata tal-laqgha generali straordinarja, mhejjija ghat-25 t'April 2015, u kien ghalhekk illi d-

[4] Vide Klawsola sittax tal-Memorandum of Association tas-socjeta' intimata, a fol. 32

Diretturi tas-socjeta' intimata pproponew li ma jittiehidx il-vot dwar l-offerta originali u dana sabiex l-azzjonisti kollha ikollhom l-opportunita' jezaminaw t-tieni offerta qabel ma ttiehed d-decizjoni. Jidher illi l-azzjonisti talbu ghall-informazzjoni ulterjuri dwar it-tieni offerta – vide Dok. R13, waqt li ntalbet ukoll informazzjoni ulterjuri dwar l-offerta originali, u gie deciz li din l-informazzjoni tigi skambjata sad-29 t'April 2015. Is-socjeta' intimata sostniet li l-offerent originali **Viliaus Prekyba** baghtet l-informazzjoni rikjesta minnha waqt illi r-rikorrent nomine naqas li jaghmel dan u minflok ipproceda b'Mandat t'Inibizzjoni. Is-socjeta' intimata u l-intimati **enfazzizzaw li l-offerta originali ghal prezz minimu ta' ta' disgha u disghin miljun tiskadi fid-29 ta' Mejju 2015.**

Fid-dawl ta' dana kollu l-Qorti akkordat differiment qasir sabiex il-kontendenti jiskambjaw dak kollu necessarju sabiex iz-zewg offerti jitqieghdu ghal konsiderazzjoni tal-azzjonisti kollha, izda fl-14 ta' Mejju 2015 il-kontendenti nformaw lill-Qorti li transazzjoni ma sehhietx u li nelfrattemp gew intavolati proceduri ekwivalenti ghal dawk odjerni fil-Litwanja.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-fatti migjuba quddiem din il-Qorti, huwa evidentissimu illi t-talba tar-rikorrenti nomine, li giet ipakkeggjata u *camouflaged* fid-dritt fundamentali[5] tal-vot t'azzjonista minoritorja, ma hi xejn xlief attentat t'*arm twisting*, minn azzjonista minoritorju biex tintilef l-offerta originali ta' mhux inqas minn disgha u disghin miljun ghal bejgh tas-socjetajiet sussidjarji li tiskadi fid-29 ta' Mejju 2015 u b'hekk tigi konsiderata t-tieni offerta tar-rikorrenti nomine li ghandu sehem fis-socjeta' li qed taghmel din it-tieni offerta. Dan il-kaz non si tratta ta' xi restrizzjoni fuq il-vot tal-azzjonista minoritorja minhabba nuqqas t'informazzjoni. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex is-soluzzjoni semplicissima, kieku dan kien il-kaz, kienet tkun li l-azzjonista minoritarja jivvota fin-negattiv.

Ma ngabet ebda xrara ta prova li turi li xi ufficcjal tas-socjeta' intimata immina, jew b'xi mod iehor ipprojbixxa r-rikorrenti nomine milli jezercita d-dritt tal-vot tieghu fl-Extraordinary General Meeting b'referenza ghar-rezoluzzjoni rilevanti.

---

[5] Li ma jezistiex.

Il-provi f'dan il-kaz juru xorta ohra. Infatti l-provi juru li s-socjeta' intimata tat informazzjoni kollha mehtiega sabiex l-azzjonisti kollha, inkluzi l-azzjonisti minoritorji, ikunu f'qaghda illi jaghtu l-vot taghhom wara li jifformolaw decizjoni informata. Apparti dana kollu, hemm provi nkontestati li juru illi s-socjeta intimata informat lill-azzjonisti minoritorji kollha **anki dwar it-tieni offerta** tar-rikorrenti nomine. Di piu' jidher b'mod car mill-ittra tar-rikorrenti nomine tal-21 t'April 2015 li l-istess rikorrenti nomine kellu l-informazzjoni kollha dwar l-offerta originali, sabiex ikun f'qaghda li jaghmel l-analizi necessarju kollu biex jevalwha tant li kien ukoll **f'qaghda li japprezza li l-offerta tieghu kienet iktar attrajenti** – Vide fol 64 sa 66.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll l-minuti tal-Extraordinary General Meeting Dok. R7, precizament f'paragrafu 4 a fol. 71, li biha s-socjeta' intimata b'ghaqal u bi trasparenza, aggornat l-laqgha generali straordinarja ghal 5 ta' Mejju sabiex taghti lill-azzjonisti kollha zmien **biex jikkonsideraw iz-zewg offerti**.

Ghalhekk jidher car li dawn il-proceduri gew intavolati fi sforz li tintilef l-offerta originali ta 'l fuq minn disgha u disghin miljun, offerta li ghandha l-appogg tal-azzjonista li ghandha 66% tal-ishma, sabiex tigi vantaggjata t-tieni offerta tar-rikorrenti nomine li ghandu ishma fis-socjeta' xerrejja prospettiva.

Illi f'dan ix-xenarju l-Qorti tqis illi r-rikorrenti nomine la wettaq il-prova tal-jedd prima facie wisq anqas ma ssodisfa lil din il-Qorti bil-htiega tal-istess mandat jew bi pregudizzju irrimedjabbli kemm-il darba dan ma jigiex milqugh. Ghal kuntrarju din il-Qorti taghraf illi huma perfettament applikabbli l-kliem meqjusa tal-Imhallef Dr. J. R. Micallef meta rritiena:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Vide digriet finali **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti.**

Ghaldaqstant l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata u l-intimati.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti:

Tichad it-talba tar-rikorrenti nomine ghall-hrug ta'Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata u l-intimati billi ma ntweriex illi jirrizultaw l-elementi kollha mitluba mill-ligi ghal hrug tieghu;

Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha datat 30 t'April 2015, sa fejn kienet laqghet it-talba b'mod provvisorju;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine.

**Moghti kameralment fis-26 ta' Mejju 2015**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------